

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 228/2009

tad-19 ta' Marzu 2009

dwar il-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2009 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 1384/2007 għal-laħam tat-tjur li joriġina fl-Iżrael

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 tas- 26 ta' Novembru 2007 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 rigward il-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti li jirrigwardaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Marzu 2009.

Billi:

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2009 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2009 jinvolvu kwantitajiet li huma anqas minn dawk disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, biex dawn jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2009, huma stipulati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.<sup>(3)</sup> ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40.

## ANNEX

Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni għas-subperjodu 1.4.2009-30.6.2009 (f%)	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu 1.7.2009-30.9.2009 (f'kg)
IL1	09.4092	( <sup>1</sup> )	570 600
IL2	09.4091	( <sup>2</sup> )	280 000

(<sup>1</sup>) Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet huma anqas mill-kwantitajiet disponibbli.

(<sup>2</sup>) Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.